MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 12/2003/1

***Martin Aquilina***

***versus***

***Joseph Azzopardi***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi huwa jikri lill-intimat l-istore/garage bin-numru 27 gja 12, Marsa Road, Marsa versu l-kera ta' ghoxrin lira maltin (Lm20) pagabbli kull sena bil-quddiem, bl-iskadenza li jmiss fl-1 ta' April, 2003.

Illi l-esponent jixtieq li jawmenta l-kera ta' l-imsemmi store/garage.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed umilment jitlob lil dana l-Onorabbli Bord sabiex jippermettilu jawmenta l-kera tal-imsemmi store/garage hekk kif iffissata mill-istess Bord.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta ta’ l-intimat li sostna li ma hemm l-ebda lok ghall-awment fil-kera kif mitlub.

Ra d-digriet tieghu tad-19 ta’ Mejju 2003 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti minn fejn jirrizulta li l-kera li ma teccediex b’aktar minn erbghin fil-mija (40%) li bih seta’ kien mikri l-fond fl-1914 hi ta’ wiehed u tletin lira Maltija (Lm31) fis-sena.

Ra li fis-seduta li llum l-avukati tal-partijiet Dr. Charmain Zammit u Dr. John Refalo irrimettew ruhhom ghar-rapport.

Jiffissa l-kera fl-ammont ta’ wiehed u tletin lira Maltija fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem mill-l-iskadenza ta’ l-1 ta’ April 2003 bil-kondizzjoni li x-xoghol ta’ manutensjoni ordinarja jkun a karigu ta’ l-inkwilin, waqt li xoghol iehor ikun a karigu tas-sid; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet. Ir-rapport tal-periti jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------